MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2012

Numru. 1096/2011

Il-Pulizija
(Sp Joseph Mercieca)
vs
Jomic Calleja, iben Alfred, imwieled Pieta' fit-18 ta' Novembru, 1985, karta ta' l-identita numru 565185(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli f'dawn il-Gżejjer fl-14 ta' Lulju, 2011 u/jew wara din id-data:
1. xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ, cioe' IPhone li jiswa aktar minn €232.94 iżda anqas minn €2,329.37, liema IPhone kien misruq, meħud b'qerq jew akkwistat b'reat, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħu jew imexxih;
2. kiser il-provvedimenti ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, li kienu ġew imposti fuqu permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-24 ta' Frar, 2009, liema sentenza saret definittiva;

3. naqas milli jħares xi waħda, jew iktar minn waħda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-maġistrati (Malta), bħala Qorti Istruttorja, fit-3 ta’ Marzu, 2011 wara li huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kondizzjonijiet, fosthom li ma jikkomettiex delitt jew delitti ta’ natura volontarja;
4. talli rrenda ruħu reċidiv skont l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali wara li huwa ġa ġie misjub ħati permezz ta’ diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta’ Mejju, 2012 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta’ Mejju, 2012 fejn il-Qorti ġiet infurmata li r-refurtiva ġiet irkuprata.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 49, 50, 334(a), 279(a) u 579(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum. Minbarra dan, tikkundannah għal ħlas ta’ multa ta’ ħames mitt euro (€500).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------